Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Mejju 2021**
**(OR. en)**

**9003/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0125(NLE)**

**MI 375**
**ECO 57**
**ENT 90**
**UNECE 12**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 8998/21+ADD1 |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal emendi għar-Regolamenti tan-NU Nri 13, 13-H, 24, 30, 41, 49, 79, 83, 95, 101, 124, 129, 134, 137 u 157, u l-proposti għal emendi għar-Regolament Tekniku Globali Nri 4 u 9<br>- Adozzjoni |

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq fl-20 ta' Mejju 2021.

2. Fil-5 ta' Mejju 2021, il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) kellu skambju ta' fehmiet dwar abbozz tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-proposta ġiet ippreżentata formalment u eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) fl-20 ta' Mejju 2021, wara l-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni.

3. Sabiex jiġi żgurat vot fil-Forum Dinji tal-UNECE għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi, id-delegazzjonijiet qablu unanimament dwar emenda waħda għat-test tal-Kummissjoni, li tikkoreġi n-numru ta' dokument ta' referenza fl-Anness.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:

– jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma,

– jissuġġerixxi lill-Kunsill li jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda tiegħu f'laqgħa li jmiss, it-testi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u l-pożizzjoni rakkomandata tal-UE kif jinsabu fid-dokumenti 9000/21 u 9001/21 wara l-finalizzazzjoni tagħhom mill-ġuristi lingwisti.

5. F'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jgħarraf lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.